
ADRIANO LANZON

# TISLIMA LIS-SOCJETA FILARMONIKA "LEONE"


GIORGIO TABONE

KITBA TA' JOHANN B GRECH

Minn dis-sena s-Soċjeta` Filarmonika 'Leone' bdiet tiċċelebra festi kbar sabiex tfakkar il-mitt sena mill-miġja fostna ta` l-istatwa grandjuża ta` Santa Marija; dawn il-festi ser jilħqu l-qofol tagħhom sena oħra. Għalhekk illum għażilit li nagħti ħarsa fuq l-istorja tas-Soċjeta` Filarmonika 'Leone'. Żgur u mhux forsi m`hinix l-ewwel wieħed li qiegħed nikteb fuq l-istorja tas-Soċjeta` Leone iżda ċertu kitbiet li jidhru f`rivisti oħra parrokjali iġegħluk tirrispondi. Hemm bżonn nimmaturaw aktar u ngħarfu aħjar x`inhi l-verita`.

## L-Ewwel Banda Għawdxija

Ġara li Dirjanu Lanzon *(1820-1894)* u Ġorġ Tabone *(1841-1916)* waqqfu banda kull wieħed ġewwa r-Rabat Għawdex fejn it-tnejn li huma twieldu u mietu fl-istess belt Għawdxija. Il-banda ta` Dirjanu Lanzon tlaqqmet bħala 'Il-banda ta` Dirjanu' waqt li dik ta` Ġorġ Tabone ġiet imlaqqma 'Il-banda ta` Binu'. Dawn iż-żewġ baned kellhom ħdax u tnax-il bandist rispettivament. *"L`anno 1863, il defunto Sig. Giorgio Tabone, detto d`Albino (il-Binu), organizzo` una societa` di suonatori, composta di 12 persone.."*[1] hekk insibu msemmi f`Lulju ta` l-1933, meta s-soċjeta` mużikali 'Leone' iċċelebrat għeluq is-70 sena mit-twaqqif tagħha.

Wieħed jista` jgħid li fl-1863, kemm Ġorġ Tabone u kif ukoll Dirjanu Lanzon daqqew bil-baned tagħhom. Filwaqt li fit-23 ta` Settembru ta` l-1864 il-Binu u Dirjanu daqqew bil-baned tagħhom meta waslet l-aħbar li Għawdex sar djoċesi għalih. Fil-21 u 22 ta` Ottubru ta` l-1864 il-baned ta` Dirjanu u Ġorġ ħadu sehem fl-okkażjoni ta` l-Ingress ta` l-ewwel Isqof t`Għawdex. F`Lulju ta` l-1865, kemm il-Banda ta` Dirjanu kif ukoll dik tal-Binu marru jdoqqu fil-festa tal-Viżitazzjoni ġewwa r-raħal ta` l-Għarb.

Nistgħu ngħidu li Dirjanu Lanzon stinka mhux ftit sabiex iġib `il quddiem l-arti mużikali fil-Gżira Għawdxija. Maż-żmien il-banda ta` Dirjanu kompliet tikber u tissaħħaħ waqt li lejn l-1872 din ingħaqdet ma` dik ta` Ġorġ Tabone.[2] Bħala Surmast Direttur ġie magħżul Dirjanu Lanzon; *"...dopo poco tempo queste due societa` si unirono sotto la direzione del Sig.Lanzon, il quale, piu tardi, sostituito da suo figlio Achille..."*.[3] Fl-1 u 2 ta` Lulju 1877 din il-banda ħadet sehem fl-Ingress ta` Mons. Pietru Pace bħala Isqof ta` Għawdex. Filwaqt li fis-7 ta` Diċembru 1879 il-banda ħadet sehem fil-festa tal-Kunċizzjoni u daqqet programm fi Pjazza San Franġisk.

**Wieħed jista' jikkonkludi li l-banda "Albino-Adriano" kienet dik il-banda li 'l-quddiem kellha tkun il-Banda tal-Ljun.**

Fl-att tas-27 ta' Mejju 1880, kif ukoll f'dak tas-6 ta' Frar 1881 tas-Soċjeta' 'Leone' insibu mniżżel "*..io ero uno dei primi bandisti della nominata Societa' musicale ta' Albinu (d'Albino) e senza intrerruzione ho sempre formato parte dei detta societa' fino a quarantotto anni fa', e cioe' sia quando essa era denominata t'Albinu sia quando piu tardi,.. sotto la direzione del Procuratore Legale Adiriano Lanzon sia quando defenitivamente venne chiamata Il Leone...*".[4] Hekk kitbilna Carmelo Galea li kien bandist tal-banda 'Leone' u li deher personalment f'dan l-att.

Bejn l-1863 u l-1880, il-banda ta' **"Albino-Adriano"** kienet għadha weħidha, ġewwa l-gżira Għawdxija u għalhekk la s-Surmast Direttur u l-anqas il-bandisti ta' din il-banda, ma ħassew il-bżonn, la li jintrabtu u l-anqas li jagħtu isem uffiċċjali lil din is-Soċjeta' mużikali tagħhom. Żgur u mhux forsi, kieku kien hemm bżonn din il-ħtieġa sa Mejju ta' l-1880, kienet tkun ħaġa loġika li din il-banda tingħata isem uffiċjali meta sar l-ewwel Att notarili tagħha jiġifieri dak tas-27 ta' Mejju, 1880. **Wieħed jista' jgħid ukoll li fil-25 ta' April ta' l-1880 din il-banda ħadet sehem fil-festa ta' San Ġorġ r-Rabat Għawdex.**

## Isem Uffiċċjali

Iżda fl-1881 inħass il-bżonn li jingħata isem uffiċċjali lil din l-Għaqda Mużikali peress li kienet ġiet imwaqqfa banda oħra dik 'La Stella' fir-Rabat ta' Għawdex u għalhekk il-banda **"Albino-Adriano"** riedet tkun identifikata u distinta mill-banda l-oħra. It-twaqqif tal-banda 'La Stella' ta' Għawdex mis-surmast Anton Buhagiar *(1861-1932)* sar permezz ta' l-Att tal-11 ta' Jannar, 1881, tan-Nutar Onorato G. Refalo. Kien is-6 ta' Frar, 1881 meta kuntratt ieħor tan-Nutar Carmelo Gauci l-banda **"Albino-Adriano"** ġiet uffiċjalment imsejħa ***"Banda del Leone"... "La detta Societa' Musicale e Filarmonica sotto il titolo di banda del Leone..."***[5]

Fuq il-ġurnal 'l-Poplu' ta' l-14 ta' Lulju 1933, is-Surmast Direttur tal-banda "La Stella" Giardini Vella kitbilna hekk *"Għal verita' u għal li storja ingħejdu li il-bidu ta' din il-banda kien fl-1863 u sas-sena 1880 kienet magħrufa bl'isem ta' 'Il-banda tal-Binu', fl-1880 nhar it-12 ta' Ġunju taħt l-isem ta' "Banda ta' lis-Stilla" daqqet l'ewwel programm taħt il-mejjet surmast Antonio Buhagiar (ta' Lucia) għal okkażjoni tal-festa ta' Sant' Antnin u sallum għada bli stess isem....*". Nistaqsi jiena lil ta' l-Istilla, "kif jista' jkun il-banda 'La Stella' inħalqet mill-banda tal-'Binu' fl-1880, meta f'din is-sena ma kienx hawn ħlief banda waħda, dik 'ta' Dirjanu' li kienet ingħaqdet ma' tal-'Binu'?" Ġara li fl-1879 fil-banda ta' Dirjanu inqalgħet ġlieda u fuq hekk ħarġu mill-banda ħames bandisti, li flimkien ma' ftit oħrajn iffurmaw il-banda 'La Stella'. 23 ruħ oħra baqgħu fil-banda ta' Dirjanu li kienet immexxija minn Achille[6] peress li Dirjanu kien marid. Magħhom kien hemm Ġorġ Tabone 'Il-Binu'. Ġorġ 'il-Binu' ma' marx mal-banda 'La Stella', anzi hu u sħabu kollha marru għand in-Nutar A. Calleja Pace fejn għamlu kuntratt illi ma jistgħux imorru ma' ta' l-Istilla u ma' baned oħra għal żmien tmien snin.[7] Filwaqt li sena wara semmew il-banda tagħhom **'Banda del Leone'. Jibqa' l-fatt li għalkemm xi kittieba jkomplu jsostnu li l-banda 'La Stella' inħolqot mill-banda tal-'Binu' dan m'hux veru. Jidher biċ-ċar li l-banda 'La Stella' hija biss fergħa mill-banda ta' 'Albino-Adriano' jiġifieri f'kelma waħda mill-banda 'Leone'.**



*Il-firem tal-persuni li ffirmaw il-kuntratt tas-27 ta' Mejju 1880 Nutar Francesco Callaja Pace*

## Sehem il-Banda 'Leone'

Nistgħu ngħidu li l-istorja tas-Soċjeta' Filarmonika 'Leone' hija minsuġa ħaġa waħda flimkien ma' l-istorja tal-Gżira Għawdxija. Sa mit-twaqqif tagħha jigifieri fl-1863, il-Banda 'Leone' ħadet sehem fil-festi Nazzjonali, festi ta' Qaddisin, festi ad unur Papiet, Isfijiet, Arċiprieti u Qassisin. Attendiet ukoll fil-festi ta' l-irħula Għawdxin kif ukoll Maltin. Iżda' jibqa l-fatt li l-ikbar festa għas-Soċjeta' Filarmonika 'Leone' hija dik ta' Santa Marija - li tiġi ċċelebrata b'qawwa kbira minn din is-soċjeta'. Ħawnhekk ser nagħti ħarsa dwar s-servizzi u l-okkażjonijiet li kellha s-Soċjeta' Filarmonika 'Leone'.

Sa mill-1881, il-banda kienet diġa' bdiet tieħu sehem fil-festi ta' l-irħula kollha t'Għawdex. Waqt li fil-15 ta' Mejju, 1881, il-banda 'Leone' ħadet sehem fil-festa ta' San Ġorġ, ir-Rabat. U mill-14 u 15 ta' Awissu ta' l-1882, il-banda 'Leone' ħadet sehem fil-festi ta' l-Assunta. Fost il-festi li l-banda 'Leone' ħadet sehem mill-1881, 'il quddiem kienu fil-festi ta' Sant Antnin fir-Rabat, il-festi tal-Viżitazzjoni fl-Għarb, il-festi ta' San Kologeru u San Alwiġi fir-Rabat, fil-purċissjonijiet ta' Ġesu' Marija u ta' San Mikiel Arkanġlu mill-knisja ta' San Ġorġ, fil-festa ta' Santa Luċija (Għawdex), fil-festi ta' Kerċem, tan-Nadur, tax-Xagħra, tal-Qala, ta' Sannat u ta' Sant'Antnin f'Għajnsielem.

Fil-15 ta' April ta' l-1888 fil-gżira Għawdxija saru festi kbar ta' l-għeluq il-ġublew saċerdotali tal-Papa Leone XIII filwaqt li l-banda 'Leone' għamlet marċ u programm. Kienet din il-banda wkoll li fil-25 ta' Marzu 1889 esegwiet programm f'misraħ it-Tokk sabiex tfakkar il-wasla minn Malta ta' Mons Fra Giovanni M. Camilleri bħala Isqof ta' Għawdex. Il-banda 'Leone' ħadet sehem ukoll biex tfakkar Inkurunazzjonijiet ta' Papiet, ħatriet ta' Isfijiet Maltin u Għawdxin u esegwiet diversi marċijiet u programmi adunurhom. Fl-14 ta' April 1929 ħabat l-għeluq il-50 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tal-Papa Piju XI u l-banda 'Leone' daqqet programm. Kemm-il darba l-Isfijiet kienu mistidnin fil-każin tas-soċjeta' 'Leone' bħal nistgħu nsemmu li fl-1950 eżattament fil-5 ta' Jannar l-Arċisqof Mons Mikiel Gonżi ġie mistieden fil-każin tal-Banda 'Leone' fl-okkażjoni tal-Ġublew episkopali tiegħu. Wieħed jista jgħid ukoll li fiż-żjara li għamel ġewwa Għawdex il-Papa Ġwanni Pawlu II, fis-26 ta' Mejju ta' l-1990, l-banda Leone daqqet marci quddiem il-kazin Aurora filwaqt li Q.T. Ġwanni Pawlu II kien ser jiritorna lejn l-Imgarr.

Il-banda 'Leone' attendiet għal diversi inawgurazzjonijiet ta' knejjes f'diversi rħula Għawdxin. Nistgħu nsemmu li fil-5 ta' Lulju 1885, il-banda 'Leone' ħadet sehem fil-festi ta' l-inawgurazzjoni tal-knisja



*Pjazza it-Tokk imzejna għal-festa taċ Santa Marija*

parrokkjali ta' Kerċem. Dil-banda attendiet ukoll fl-10 ta' Ġunju ta' l-1888 meta fl-Imġarr Għawdex saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tas-Santwarju tal-N.S. Di Lourdes. Fis-6 ta' Lulju 1947, ħadet sehem fiċ-ċentinarju tat-tqegħid tal-lapida ta' l-ewwel Isqof ta' Għawdex. Waqt li fl-4 ta' Mejju 1952 il-banda 'Leone' ħadet sehem fil-festi tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja Rotunda tax-Xewkija.

Wieħed jista' jgħid li ma kenitx l-ewwel darba li l-banda 'Leone' ħadet sehem f'pussessi ta' Arċiprieti u Qassisin fir-Rabat u f'diversi rħula oħra ġewwa Għawdex. L-aħħar pussess li l-banda Ċittadina 'Leone' attendiet għalih, kien dak ta' l-Arċipriet Mons Joe Vella Gauci, li fis-26 ta' Mejju ta' din is-sena sar Arċipriet tal-Katidral.

L-istess għaqda mużikali attendiet fil-Kungress Ewkaristiku fid-29 ta' April ta' l-1913. Ma kenitx l-ewwel darba li ħadet sehem fil-festi mid-dehra tal-Madonna ta' La Salette fil-Knisja ta' Savina. Il-banda 'Leone' ħadet sehem ukoll fl-inkurunazzjoni tal-Madonna ta' Pinu fl-20 ta' Ġunju 1935 u fl-inkurunazzjoni ta' l-inkwadru tal-Madonna ta' Pompej tas-Sorijiet Dumnikani tar-Rabat Għawdex fis-16 ta' Ottubru 1966. Waqt li fil-11 ta' Lulju ta' l-1946 il-banda ta' l-Alljevi tas-Soċjeta' 'Leone' ħadet sehem fil-ftuħ tal-festa ta' Kerċem. Fl-1 ta' Mejju 1965 saret għal l-ewwel darba f'Għawdex il-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem u għal din l-okkażjoni daqqet il-banda 'Leone'. Din l-istess banda ħadet sehem fis-6 ta' Frar 1966 fil-festa ta' San Ġwann Bosco fl-Oratorju "Don Bosco". **Ta min issemmi wkoll ġrajja importanti għas-soċjeta 'Leone' meta fil-15 ta' Awissu 1975 fi Pjazza Savina saret l-inkurunazzjoni mill-Legat tal-Papa, l-Kardinal Francesco Seper, tal-kwadru titulari tal-katidral filwaqt li l-banda 'Leone' ħadet sehem f'din iċ-ċerimonja.**

Fil-25 ta' Ġunju ta' l-1967 il-banda 'Leone' ħadet sehem fil-festa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija. Kmieni wara nofs inhar tħabbret uffiċjalment li l-Knisja Kolleġġjata tan-Nadur saret Bażilka filwaqt li tard filgħaxija fin-Nadur sar marċ mill-banda 'Leone' bħala ċelebrazzjonijiet ta' l-okkażjoni. Fid-29 ta' Ġunju ta' l-istess sena saret il-festa ta' San Pietru u San Pawl li kienet ilha ma ssir għal disa' snin sħaħ u ħadet sehem il-banda 'Leone'. L-istess storja ġrat fir-raħal tax-Xagħra. Billi l-Kolleġġjata tax-Xagħra ġiet imgħollija għad-dinjita' ta' Bażilka, fis-7 u t-8 ta' Settembru 1967 il-banda 'Leone' attendiet għall-festa ta' barra wara li kien ilha ukoll disa' snin sħaħ ma tiġi iċċelebrata. Filwaqt li fit-8 ta' April 1968 din l-għaqda mużikali ħadet sehem fil-purċissjoni tal-Passjoni li saret ġewwa x-Xagħra.

Qabel il-purċisjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ma bdiet toħroġ mill-Katidral, f'Ħadd il-Palm kien isir programm fi Pjazza it-Tokk fejn il-banda 'Leone' kienet idoqq marċijiet funebri. Kemm il-darba l-Banda 'Leone' akumpanjat funerali ta' Bandisti, Surmastrijiet, membri tal-Kumitat, u Presidenti tas-Soċjeta' 'Leone'. Ħadet sehem ukoll fil-funerali ta' Isqfijiet. Ma kenitx l-ewwel darba li l-Banda 'Leone' kif ukoll dik 'La Stella' ħadu sehem fil-funerali ta' xulxin ta' bandisti jew membri tal-kumitat. **Mill-31 ta' Marzu, 1968 il-**

**banda 'Leone' bdiet tieħu sehem bid-daqq ta' marċi funebri fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mill-Katidral.**

Illum il-ġurnata l-Banda 'Leone' tmur fil-festi tal-Viżitazzjoni fir-raħal ta' l-Għarb, f'ta' San Ġużepp fil-Qala, f'ta San Girgor u tal-Madonna tas-Sikkors f'Kerċem. Tieħu sehem fil-festa ta' Santa Luċija, fil-festa taż-Żebbuġ, ix-Xlendi u l-Kapuċċini.

Mis-sena 1887 il-banda 'Leone' kellha bosta servizzi f'Malta. Fosthom nistgħu nsemmu l-festi ta' San Pawl fil-Belt Valetta u fil-festa ta' San Ġużepp f'San Pawl il-Baħar. Fl-10 ta' Ġunju 1934 fil-ġonna ta' l-Argotti, fil-Furjana fl-okkażjoni tal-Fiera Campionaria il-Banda 'Leone' flimkien ma' dik ta' La Vallette daqqet programm. Nistgħu ngħidu wkoll li ħadet sehem fil-festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar, fil-festa ta' San Ġużepp il-Ħamrun u fil-festa tas-Sacro Cuor f'tas-Sliema. Ma kinitx l-ewwel darba li daqqet fil-festa tal-Karmnu l-



*Il-Banda Leone daqqet programm fil-Ġonna ta' l-Argotti, il-Furjana, nhar it-30 ta' Ġunju 1912*

Belt Valletta. F'dawn l-aħħar snin il-Banda 'Leone' marret ukoll tas-Sliema, l-Birgu, Birkirkara, l-Mellieħa u l-Isla.

Nistgħu ngħidu li fost is-servizzi li kien ikollha l-banda 'Leone' insibu li l-maġġoranza ta' dawn is-servizzi kienu jkunu programmi għalkemm il-marċijiet ma kenux jonqsu. Dan juri biċ-ċar il-kapaċita' u l-ħila ta' din il-banda.

## Każini tal-Banda 'Leone'

Jingħad li għall-ewwel il-bandisti tal-banda 'Leone' kienu jiltaqgħu fid-djar privati tal-Fundaturi ta' l-istess banda, iżda storikament nafu li fi Frar ta' l-1881, is-Sede ta' din l-Għaqda Mużikali diġa' kienet f'post fi Strada Għammiesa Numru 12 (illum Triq Mons Luiġi Vella), waqt li damu joqogħdu fih sal-1885. Fl-1885 il-Banda 'Leone' sabet post ieħor fi Strada Casal Garbo Numru 38 (illum Triq St. Ursola) fejn damet sal-bidu tas-snin 1890. Post ieħor din id-darba aktar ċentrali kien fi Pjazza it-Tokk Numru 9, (illum Pjazza Indipendenza), li fil-bidu tas-snin 1890 dan serva bħala Każin tas-soċjeta' 'Leone'. Dan il-post dam iservi ta' Każin għal din l-għaqda sa l-1901, meta l-partitarji tal-Ljun marru f'Każin ieħor fi Pjazza Sabina Numru 33, 34. Dan il-lokal dam iservi bħala is-Sede tal-Banda 'Leone' sas-sena 1908. Filwaqt li fl-1908 il-post li fih kien jgħammar l-Arċipriet S Cassar, ġie magħżul sabiex ikun il-każin tas-Soċjeta' Filarmonika 'Leone'. Fl-1910 il-kumitat ikkonverta parti minnu f'sala tat-Teatru. U għalhekk kienet infetħet triq oħra ta' ħajja ġdida fil-gżira Għawdxija. Illum il-gurnata dan il-post iservi bħala Ċentru Parrokkjali tal-Katidral u jaqdi l-ħtiġijiet tal-parroċċa u tas-soċjeta'. Madanakollu fid-9 ta'Ottubru 1976 saret l-inawgurazzjoni uffiċjali ta' każin ieħor tal-banda Leone fi




*Il-Każin tal-Ljun fl-1901*

Triq ir-Repubblika (fejn qiegħed illum). Dan il-każin flimkien mat-teatru grandjuż, famuż u meraviljuż, huwa monument artistiku għall-gżejjer Maltin. Huwa mafkar dejjiemi tal-kumitat ħabrieki u l-partitarji, għaqlin u ġenwieni tas-Soċjeta Filarmonika Leone. Dan il-każin jew aħjar dan it-teatru ħa l-isem ta' 'Aurora Opera House'. Sal-lum il-jurnata, is-Soċjeta Leone, tippossiedi l-akbar, l-isbaħ u l-iżjed teatru rikk u modern tal-gżejjer Maltin u li hu l-uniku teatru f'pajjiżna li jħabbatha ma' l-isbaħ teatri Ewropej. Fost il-ħafna attivitajiet li ġew imtellgħa ġewwa dan it-teatru wieħed jista jgħid li fih ittelgħu ma' 16 ir-rappreżentazzjoni ta' l-opri.

## Mexxejja tas-Soċjeta' 'Leone'

Matul is-snin, is-Soċjeta' Filarmonika 'Leone' dejjem kellha surmastrijiet ta' fama kbira u li dejjem mexxew lill-banda 'Leone' sabiex tkun l-aħjar banda fil-gżira Għawdxija bħal Mro Akille Lanzon *(1879-1884)*, Mro Anton Buhagiar *(1885-1887)*, Mro Emanuel Vassallo *(1888-1889)*, Mro Anton Miruzzi *(1890-1893)*, Mro Vincenzo Carabott *(1893-1910)*, Mro Orlando Crescimanno *(1911-1923)*, Mro Giovanni Giumarra *(1923-1933)*, Mro Ġuże' Stivala *(1933-1936)*, Mro Luigi Di Mauro *(1937-1941)*, Mro Pawlu Lanzon *(1942-1944)*, Mro Willie Attard *(1944-1957)*, Mro Joseph Abela Scolaro *(1957-1958)*, Mro Joseph Sammut *(1958-1991)*, u llum għandna lis-Surmast Colin Attard li laħaq Surmast Direttur tal-banda 'Leone' mill-1991.

Jibqa' l-fatt li s-Soċjeta' Filarmonika 'Leone' kellha ukoll Presidenti ta' fama u ħila kbira bħal l-Avukat Isidoru Xuereb *(1847-1919)*, is-Sur Alessandru Tabone *(1854-1928)*, it-Tabib Pawlu Sammut *(c1844-1916)*, it-Tabib Ettore Tabone *(1875-1951)*, is-Sur Pawlu Pisani *(1873-1957)*, l-Ispiżjar Anton Tabone *(1879-1937)*, is-Sur Ġużeppi Azzopardi *(1877-1951)*, is-Sur Ġuże' Tabone *(1902- )*, is-Sur Joseph Vella Muscat *(1911- )*, in-Nutar John Busuttil *(1930- )*, is-Sur Ġanni Cremona *(1926- )*, is-Sur Louis Xuereb *(1931- )*, waqt li illum għandna lill-Avukat Michael Caruana *(1958- )* li laħaq President tas-Soċjeta' 'Leone' fl-1988.[8]

**Il-ħidma bla waqfien ta' dawn il-persuni flimkien mal-membri tal-kumitat rispettivi tagħhom u partitarji oħra tas-Soċjeta' 'Leone' fosthom is-sehem siewi tal-bandisti, waslu sabiex is-Soċjeta' Filarmonika 'Leone' b'xi mod jew ieħor ikollha konnessjonijiet kważi mal-baned kollha ta' Għawdex. U mhux bil-kliem iżda bil-fatti nistgħu ngħidu li l-banda 'La Stella' tar-Rabat, il-banda 'La Vittoria' tax-Xagħra, il-banda 'Prekursur' tax-Xewkija, il-banda 'Mnarja' tan-Nadur u dik ta' 'San Ġużepp' ta' Għajnsielem kellhom konnesjonijiet mal-banda tal-Ljun.**

## Il-Festa ta' Santa Marija

U kif jista' jkun insemmi lis-Soċjeta' Filarmonika 'Leone' u ma nsemmix il-festa ta' Santa Marija. Żgur u mhux forsi l-aktar ħaġa għażiża għas-Soċjeta' 'Leone' hija l-festa ta' Santa Marija. **Din biss kienet dik is-soċjeta' li stinkat bis-sħiħ sabiex l-istatwa devota ta' Santa Marija tiġi meqjuma fil-Katidral.** Nistgħu ngħidu wara li niesna saru insara huwa idedikaw dan it-tempju[9] lill-Assunta. U hekk jistqarr l-istoriku Għawdxi Aguis de Soldanis fil-ktieb tiegħu "Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu" filwaqt li jgħidilna *"hekk ukoll l-Għawdxin ta' dari, li kienu jaduraw l-allat foloz malli ħaddnu t-twemmin fi Kristu lilhom imxandar minn San Pawl u saru nsara, biddlu l-maqdes li semmejna naħa oħra, ta' l-allat qarrieqa, fi knisja lix-Xbejba Marija*

*Omm Alla u fih bdew jagħtu qima lill-Alla tas-sewwa."*[10]

L-istess storiku, Aguis de Soldanis jgħidilna li sa mill-1598 missirijietna kienu diġa` jiċċelebraw il-festa ta` Santa Marija fil-Matriċi ta` l-Assunta, l-Katidral ta` llum.



*Id-dehra imponenti tal-Knisja Katidrali, Matrici u Kollegjata Insinji ta' Santa Marija Assunta*

Is-Sur Grazio Anton Grech, kittieb magħruf u li kiteb b`reqqa kbira l-istorja tas-Soċjeta` 'Leone' fil-ktieb tiegħu "Ġrajja tas-Soċjeta` Filarmonika Leone - Għawdex" jgħidilna hekk: *"Iżda l-festa ta` Santa Marija Assunta ta` Għawdex, illum aktar minn dari, tisboq kull festa titulari oħra mhux biss f`dak li hu kummerċ, tiġrija tal-bhejjem, baned, tiżjin, nar artifiċjali, mixegħla u poplu li jattendi għaliha imma ukoll hija l-unika festa titulari, li llum, hi btala pubblika barra li hija wkoll festa kkmandata."*

Ikun xieraq li issa nagħti ħarsa lejn is-sehem tal-banda 'Leone' fil-festi ta` Santa Marija u speċjalment kif din l-istatwa telgħet għal l-ewwel darba l-Katidral. **Fis-sena 1726 kienet diġa` ssir il-purċissjoni ta` l-Assunta, bit-tiżin tat-toroq, mixegħla, statwi trofej, bnadar, baned, nar artifiċjali u bla dubju ta` xejn kienu jitkantaw innijiet ad unur ta` l-Assunta.** L-istoriku Aguis De Soldanis għarrafna wkoll li fis-sena 1738, li, ta` kull sena, kienet issir wirja f`nhar Santa Marija,[11] filwaqt li l-istoriku l-kommentatur Gio Franġisk Abela jgħidilna wkoll li f`Santa Marija kienet issir it-tiġrija tal-bhejjem.[12] Kif diġa` għedna fil-bidu, il-banda 'Leone' kienet tieħu sehem fil-purċissjonijiet li kienu joħorġu mill-Knisja ta` San Ġorġ. Filwaqt li fl-14 u 15 ta` Awissu ta` l-1882 il-banda 'Leone' ħadet sehem fil-festi ta` l-Assunta.

## Ġustizzja mal-Banda 'Leone'

Fis-27 ta` Mejju, 1895, il-kumitat tas-Soċjeta` 'Leone' bagħat rikors lill-Isqof ta` Għawdex Giovanni M. Camilleri sabiex issir ġustizzja mal-banda 'Leone' u tiġi wkoll mistiedna tieħu sehem fil-festa ta` San Ġorġ, *"e con quella giustizia ed imparzialita` che sempre distinguano gli atti dello spirtuale Governo di V.E. possa decidere se la Societa` Il Leone debba rimanere sempre o no preclusa dal prender parte..."*[13], meta l-partitarji tas-Soċjeta` 'Leone' kienu ċittadini u parruċċani daqs kemm kienu dawk tas-Soċjeta` 'La Stella', "*...che tanto I membri della Societa` Filarm. IL-Leone quanto I loro aderenti sono cittadini e parrocchiani della Citta` e Parrocchia Vittoria quanto e come sono quelli della Stella...*"[14] Wara li għaddiet korrispondenza bejn il-puluzija, Sir Gerald Strickland li kien Kap Segretarju tal-Gvern, l-Isqof ta` Għawdex, il-prokuratur tal-festa ta` San Ġorġ u bil-pariri ta` diversi persuni importanti, irrizulta li l-baned 'Leone' u 'La Stella' t-tnejn ħadu sehem fil-festa ta` San Ġorġ, 1896 filwaqt li l-Isqof G.M. Camilleri pprojbixxa s-sehem tal-banda mill-purċissjoni ta` San Ġorġ.[15] Fl-1897 b'digriet ta' l-Isqof Camilleri l-banda 'Leone' kellha l-karigu li tibda torganizza l-festi esterni ta` Santa Marija filwaqt li l-grupp ta' negozjanti li kienu biss partitarjii

tal-Banda "La Stella" u bl-approvazzjoni tal-prokurator tal-festa ta' San Gorg komplew jorganizzaw il-festi esterni ta' San Ġorġ bil-parteċipazzjoni tal-Banda La Stella. Iktar il quddiem, dawn il-festi bdew jiġu organizzati mill-kumitat tal-Banda "La Stella".

L-Istatwa ta' Santa Marija

Il-President Dr. Pawlu Sammut *(c.1844-1916)* flimkien mal-kumitat tal-banda 'Leone' u bit-tħabrik tas-Sur Pawlu Pisani *(1873-1957)*[16] għamlu dak kollu sabiex fl-iqsar żmien possibbli jiġbru l-fondi meħtiega biex iġibu statwa ta' l-Assunta u għalhekk tkun tista' tintuża fil-festa ta' Santa Marija, 1897. F'Lulju ta' l-1897, l-istatwa ta' Santa Marija waslet f'Għawdex minn Ruma mill-"Fabbrica di Statue Religiose" ta' Francesco Rosa. Fit-13 ta' Awissu, 1897, din l-istatwa ġiet imbierka mill-Isqof ta' Għawdex Giov. M. Camilleri ġewwa l-knisja ta' San Ġakbu. U l-banda 'Leone' issa setgħet torganizza l-festi esterni ta' Santa Marija bi statwa li żgur issaħħrek bi ġmielha, statwa li ġibdet l-ammirazzjoni ta' kulħadd. Kull nhar it-13 ta' Awissu din l-istatwa kienet tiġi mdawra mat-toroq prinċipali tal-Belt Victoria filwaqt li kienet tiġi akkumpanjata mill-banda 'Leone'.

Qabel l-1900 il-banda 'Leone' żanżnet l-Innu 'A Marija Assunta' ta' Mro Vincenzo Carabott, iżda kien l-1913 meta l-banda 'Leone' żanżnet l-innu immortali 'A Maria Assunta' ta' Mro. Orlando Crescimanno fuq versi tal-Markiż Ramiro Barbaro di San Giorgio.[17] Dan l-innu huwa meqjus bħala l-Innu l-Kbir li jindaqq lejlet il-festa u f'nharha, malli toħroġ l-istatwa ta' Santa Marija mill-bieb tal-Katidral.

Bejn l-1887 u l-1959 kien hemm xi snin li l-festi esterni ta' l-Assunta ma sarux. Nistgħu nsemmu li fl-1914 il-festi ta' barra ġew imħassra bħala vistu għall-mewt ta' Mons



*Dimonstrazzjoni bl-istatwa taċ Santa Marija 1922*

Pietru Pace, Arċisqof ta' Malta. Filwaqt li fl-1941 il-festi esterni ġew imħassra minħabba l-Gwerra. Nistgħu ngħidu wkoll li l-festi esterni ta' l-Assunta tas-sena 1955 ma sarux minħabba tilwim parrokkjali.

F'Mejju tas-sena 1947 il-banda 'Leone' iċċelebrat għeluq il-50 sena minn mindu l-Isqof ta' Għawdex ta l-privileġġ lis-Soċjeta' Filarmonika 'Leone' li tieħu ħsieb il-festi



esterni ta` Santa Marija filwaqt li l-istatwa majestuża ta` Santa Marija għalqet 50 sena għand is-Soċjeta`. Fl-1 ta` Novembru 1950, il-Papa Piju XII ipproklama bħala Domma tal-Fidi, it-tlugħ ta` Marija Santissima fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem. Peress li s-Soċjeta` 'Leone' kienet tieħu ħsieb il-festi esterni ta` l-Assunzjoni, nistgħu ngħidu li ċċelebrat festi speċjali biex tfakkar din l-okkażjoni. Għalhekk fil-31 ta` Ottubru 1950, l-istatwa ta` Santa Marija poġġewha fil-'Banca Giuratale', fi pjazza t-Tokk. Dak inhar stess din is-Soċjeta` għamlet pellegrinaġġ għall-Katidral, taħt il-tmexxija ta` Dun Dward Bondi`. Waqt li filgħaxija organizzat programm fil-pjazza tat-Tokk. U minn dak inhar `il quddiem fl-1 ta` Novembru ta` kull sena l-banda 'Leone' bdiet tesegwixxi programm mużikali f` pjazza Indipendenza sabiex tfakkar il-proklamazzjoni tad-Domma ta` l-Assunta.

Tilwim Parrokjali

**Kellha tkun din is-Soċjeta` 'Leone' li fis-sena 1897 ġabet l-istatwa ta` Santa Marija u kienet l-istess Soċjeta` li f`April 1956 irregalatha lill-Katidral ta` Għawdex. Żgur u mhux forsi li din l-istatwa ma kenitx tkun għall-qima tad-devoti tagħha f`dan il-Katidral kieku ma nqalax tilwim parrokkjali bejn iż-żewġ soċjetajiet tal-baned tal-Belt Victoria kemm fl-1895 kif ukoll fl-1954.**

Sas-sena 1954 eżattament fid-29 ta` Settembru, fil-knisja ta` San Ġorġ kienet issir il-festa ta` San Mikiel, li tispiċċa b`purċissjoni b`vara artistika ta` dan il-qaddis.[18] Bħal snin oħra, fis-sena 1954 il-banda 'Leone' kellha tieħu sehem fil-festa billi takkumpanja fil-purċissjoni u ddoqq marċijiet reliġjuzi quddiem l-istatwa ta` San Mikiel. Iżda f`din is-sena l-purċissjoni ta` San Mikiel ma ħarġitx. Ir-raġuni kienet li biex ma toħroġx il-purċissjoni bl-akkumpanjament tal-banda 'Leone', xi ħadd kien qala` l-ġwienaħ u t-tarka ta` l-istatwa. L-Isqof Pace talab lill-Pulizija sabiex tagħmel l-investigazzjonijiet meħtieġa u tieħu passi kontra dawk li jinsabu ħatja, huma min huma.[19] **Dan l-inċident fetaħ it-triq sabiex l-istatwa devota u artistika ta` Santa Marija li kellha l-banda 'Leone' tieħu l-post li kien jixirqilha fil-Katidral ta` Għawdex.** Ta` min isemmi wkoll li fl-1959 il-banda 'Leone' għamlet statwa ta` San Mikiel Arkanġlu, li minkejja l-protesti kollha li saru, din l-istatwa għadha ta` kull sena tintrama għall-festa ta` Santa Marija.



*L-istatwa ta' San Mikiel meqjuma fil-knisja ta' San Gorg (jinghad li aktarx hija proprieta' tas-Socjeta Filarmonika "Leone")*

Inċident ieħor, bl-istess għan bħal dak tal-ġwienaħ ta` San Mikiel, ġara fil-festa ta` Ġesu` Marija. Anki din il-festa, li ssir f`San Ġorġ, tispiċċa b`purċissjoni b`vara artistika ta` l-injam.[20] Fil-purċissjoni kienu jieħdu sehem il-baned 'Leone' u 'La Stella', waħda u sena l-oħra. Ġara li, meta kien imiss-ha tieħu sehem il-banda 'Leone' nsterqet il-bradella u nqata` d-dawl. Fil-fatt l-aħħar purċisjoni sekondarja bil-banda fil-belt Victoria kellha tkun dik ta` Ġesu` Marija tat-2 ta` Jannar, 1955 bil-parteċipazzjoni tal-banda 'Leone'. L-Isqof imbagħad ħareġ ordni li neħħiet il-baned mill-purċissjonijiet

sekundarji. Difatti għall-ewwel darba wara ħafna snin, fis-sena 1955 kienu bla banda anki l-purċissjoni tad-Duluri li ħarġet mill-Knisja ta' San Ġakbu fl-1 ta' April u dik tal-Ġimgħa l-Kbira li ħarġet minn San Ġorġ fit-8 ta' l-istess xahar.[21]

**Dan kien inċident ieħor li kompla l-glieda għad-drittijiet leġittmi tal-partitarji tal-Ljun u mingħajr dubju ta' xejn l-partitatrji u l-bandisti ngħaqdu ħaġa waħda mal-Kumitat tas-Soċjeta' 'Leone' sabiex il-ħolma tagħhom u ta' missirijiethom isseħħ u jaraw lil Santa Marija fil-Katidral.** Fis-17 ta' Jannar, 1955, is-Soċjeta' 'Leone' kitbet lill-Arċipriet Mikiel Cefai ittra pjuttost iebsa u bagħtet kopja tagħha kemm lill-Isqof Pace kif ukoll lill-Arċidjaknu tal-Katidral. Din l-ittra, bil-firma tas-segretarju Ġorġ Attard kien fiha diversi ilmenti fosthom l-att sagrilegu li sar fil-knisja ta' San Ġorġ fl-okkażjoni tal-festa ta' San Mikiel u l-affarijiet ħżiena li kienu saru sabiex il-purċissjoni ta' Ġesu' Marija ma toħroġx.

Fl-1 ta' Awissu ta' l-1955, l-Isqof Ġużeppi Pace, permezz tad-Digriet, 'Cum Hodiernis Temporibus', fired il-parroċċa ta' San Ġorġ minn dik tal-Katidral għar-raġuni li l-fidili taħt il-kura ta' l-Arċipriet tal-Katidral kien aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar jikber fin-numru. Il-parroċċa ta' San Ġorġ kellha u fil-fatt baqgħet tiġi amministrata mill-Arċipriet tal-Katidral, sakemm vakat il-kariga tiegħu f'Marzu ta' l-1976. Is-Soċjeta' 'Leone' pprotestat bil-qawwa kollha ma' l-awtoritajiet tal-knisja. Il-festi esterni ta' Santa Marija, ta' l-1955, ġew imħassra bi protesta. Sa dan iż-żmien il-purċissjoni ta' Santa Marija kienet għadha toħroġ filgħodu iżda mingħajr statwa.

## Rikors mill-Banda 'Leone'

Sa fl-aħħar wara ħafna taqtigħ il-qalb, l-Isqof ta' Għawdex Ġużeppi Pace fehem l-iskop tas-Soċjeta' Filarmonika 'Leone'. Fil-11 ta' Jannar,1956 il-partitarji tal-Ljun irnexxielhom iġibu l-permessi meħtieġa minn għand il-Gvern ta' dak inhar sabiex tinfetaħ mina fis-swar taċ-Ċittadella u għalhekk l-istatwa ta' Santa Marija tkun tista' tgħaddi. Dan kien juri biċ-ċar li s-sitwazzjoni kienet waslet fit-tmiemha. Fl-20 ta' April tas-sena 1956 sar rikors lill-Isqof Pace mill-Avukat Francesco Masini f'isem il-president tas-Soċjeta' 'Leone' fejn saret talba formali biex l-istatwa devota ta' Santa Marija tiġi miżmuma ġewwa l-Knisja Katidrali bil-patt li l-banda Leone takkumpanja hi, esklussivament, il-purċisjoni ta' Santa Marija bl-istatwa filgħaxija mill-Katidral kull sena.[22] Ġimgħa wara, dan ir-rikors ġie aċċettat u dak inhar stess l-Isqof Ġużeppi Pace ffirma għall-knisja Katidrali, filwaqt li l-Avukat Francesco Masini ffirma għas-Soċjeta' 'Leone'. Kien ftehim ta' importanza kbira, li nissel ferħ kbir fost il-maġġuranza tal-poplu Għawdxi. Żgur u mhux forsi li l-Isqof Pace kellu mħabba kbira lejn il-Madonna biex għamel kważi l-impossibbli sabiex Santa Marija tkun fil-Katidral.

## Il-Jum tant Mistenni

Is-Sibt 28 ta' April 1956, bdew il-festi speċjali. L-istatwa ta' Santa Marija tqiegħdet għad-devozzjoni fl-intrata tal-każin fi Triq l-Arċipriet Cassar. Filwaqt li din l-istatwa ġiet imżejna b'żewġ opri ġodda: iċ-ċinturin għani u kullana prezzjuża - rigali ta' mħabba mill-partitarji tas-Soċjeta' 'Leone'.

**U jekk is-sena ta' l-1863 hija sena importanti fl-istorja ta' gżiritna għax fiha rat it-twelid ta' l-ewwel banda Għawdxija - il-banda 'Leone', hekk ukoll hi s-sena ta' l-1956, eżattament fid-29 ta' April, it-tempju ewlieni ta' gżiritna - il-Matriċi Kolleġġjata Insinji**

**ta` Santa Marija - il-Katidral stagħna b`ġawhra prezzjuża - l-istatwa ta` Santa Marija.**

Sa fl-aħħar waslet dik il-ġurnata tant mistennija. Kien sebaħ dak il-jum li min jaf kemm missirijietna kienu ħolmu bih. Eluf kbar ta` Maltin u Għawdxin minn kull rokna kienu ħonqu kull post fl-inħawi ta` Savina. Fl-4.15 ta` filgħaxija l-istatwa ta` Santa Marija telqet għal l-aħħar darba mill-każin tal-banda 'Leone' filwaqt li ġiet akkumpanjata b`marċijiet ġodda u brijużi mill-banda 'Leone'. Fil-5.30p.m. l-banda 'Leone' waslet Pjazza Sabina u wara ftit wasal ukoll il-kapitlu tal-Katidral immexxi minn Mons Arċidjaknu Pawlu Cauchi u wara wasal ukoll l-E.T Mons. Ġużeppi Pace. Is-Sur Ġuże` Tabone, President tal-Banda Leone, għamel messaġġ ta` l-okkażjoni. Dritt wara sar it-tberik ta` l-istatwa mill-Isqof. U minn hemm bdiet timmarċja l-ewwel purċissjoni mmexxija mill-Kapitlu tal-Katidral b`din l-istatwa devota. **Fis-sebgħa preċiż ta` dak il- Jum Storiku tad-29 ta` April 1956, Santa Marija waslet għall-ewwel darba fil- Pjazza tal-Katidral.**

## Santa Marija fil-Katidral

**Jibqa` l-fatt li l-kelma miktuba qatt ma tasal biex tfisser il-ferħ li ġarrab il-poplu dak il-ħin.** Festi kbar saru matul il-ġranet tal-festa ta` Santa Marija f`Awissu 1956, meta ħarġet għall-ewwel darba l-purċissjoni filgħaxija bl-istatwa ta` l-Assunta akkumpanjata bid-daqq ta` marċi reliġjużi mill-banda 'Leone'. Ta` min isemmi wkoll li f`din is-sena is-Soċjeta żanżnet statwa ġdida ta` Santa Marija biex tintuża għall-festi ta` barra. Fid-19 ta` Diċembru 1956, il-kumitat tas-Soċjeta` Filarmonika 'Leone' poġġa rħama kommemorattiva fil-Katidral biex tfakkar id-donazzjoni ta` l-istatwa mis-Soċjeta` 'Leone' lill-Katidral. B` ċirkulari li ħarġet il-Kurja Veskovijli ta` Għawdex fit-30 ta` Marzu 1957, l-Isqof Pace ħalla biss fil-belt Victoria żewġ festi u żewġ purċissjonijiet li fihom setgħu jieħdu sehem il-baned. Dawn kienu ta` Santa Marija u ta` San Ġorġ.[23]
Il-pedistall li kellha Santa Marija sas-sena 1962 kien wieħed ta` l-injam b`xi induratura tad-deheb. F` għajnejn il-poplu Santa Marija kien jixirqilha pedistall wisq isbaħ u aqwa minn dan. Riedu jpoġġuha fuq



*Il-Purcissjoni ta' Santa Marija 1956*

pedistall tal-fidda li sal-ġurnata tal-lum, huwa uniku f` Għawdex. Id-disinjatur ta` dan il-pedistall huwa l-iskultur Malti Samwel Bugeja. Dan il-pedistall inħadem f`Ruma bil-fidda u kien taħt id-direzzjoni ta` l-istess artist. Il-pedistall tal-fidda wasal fil-gżira Għawdxija fil-bidu t`Awissu 1962, u ngħata lill-kapitlu tal-Katidral f`Settembru ta` l-istess sena.

Fit-8 ta` Awissu ta` l-1981 fi Pjazza Sabina l-Isqof N.Ġ. Cauchi poġġa stellarju tad-deheb u ħaġar prezzjuz ma` ras l-istatwa ta` Santa Marija. U l-banda 'Leone' reġgħet kienet għal darba oħra l-unika banda li ħadet sehem f`din iċ-ċerimonja storika billi akkumpanjat bid-daqq ta` marċi reliġjuzi l-

istatwa ta' Santa Marija sa pjazza Sabina u lura lejn il-Katidral.[24]

## Konklużjoni

Dan li semmejna hawn fuq, huwa biss ftit mill-istorja tas-Soċjeta' 'Leone'. Huwa ferm diffiċli li fi ftit paġni wieħed jiġbor l-istorja u l-avvenimenti kollha ta' din is-Soċjeta'. Għalhekk nixtieq niskuża ruħi mal-qarrejja peress li stajt ħallejt barra avvenimenti importanti oħra li forsi huma anke ta' tant importanza.

Hassejt ix-xewqa li nikteb fuq is-Soċjeta' 'Leone' għax illum xtaqt nirringzjaha. Illum nixtieq insellimlek ja Soċjeta'. U din it-tislima m'hix ta' biċ-ċajt iżda ħierġa mill-fond ta' qalbi - ħierġa minn qalb partitarju tal-Ljun. Il-ħsieb tiegħi huwa biss li nsellem kif jixraq lill-għeżież missirijietna li b'xi mod jew ieħor, bl-akbar dedikazzjoni, għaqal u ħidma kitbulna paġni sbieħ fi ktieb ġrajjietna.[25] Insellem lis-surmastrijiet li bl-id tajba tagħhom, il-banda 'Leone' kisbet kull suċċess u kull unur u lil dawk il-bandisti li kienu u li għadhom filwaqt li ngħidilhom ukoll li b'ħilithom is-Soċjeta' kisbet kull ġieħ. U xi ngħidu dwar il-mexxejja ta' din is-Soċjeta', li ħadmu bla waqfien sabiex din l-għaqda tibqa' tul iż-żmien. Kienu dawn in-nies li taw sehemhom, li taw ħinhom għall-każin u li ġarrew il-piż u t-toqol tul is-snin.

Ja Soċjeta' nixtieq iroddlek ħajr għax int kont dik is-Soċjeta' li ppreżentajt għall-ewwel darba f'Għawdex, l-opra lirika. Int kont, għadek u tibqa' tferraħ lill-Għawdxin, lill-Maltin u lill-Barranin, bil-marċijiet u bil-programmi li int tagħmel. Nixtieq nistaqsi, għaliex xi kittieba jippruvaw jgħawġu u jitfgħu fid-dubju l-verita'? Ma jafux li xejn ma hemm isbaħ mill-verita'? Ma jafux li mhux ser jirnexxilhom inaqqsu jew ixejnu l-ġieħ jew l-istorja tas-Soċjeta' 'Leone'?

Fil-Programm ta' din is-sena tal-festi ta' San Ġorġ insibu nota dwar il-banda Ċittadina 'La Stella' fejn sentenza minhom tgħid hekk "Madanakollu minħabba referenza fl-istess kuntratt tat-twaqqif tagħha, il-banda tagħraf it-tnissil tagħha lis-sena 1863".[26] Nistaqsi jien, jagħfu jew ma jafux ta' l-Istilla li qiegħdin jivintaw u qed jieħdu l-istorja tas-Soċjeta' Leone sabiex japlikawa għas-soċjeta' tagħhom?

U għalhekk indur fuq il-partitarji tal-Ljun u ngħidilhom demmna kien u jibqa' ġens tal-Ljun, kunu nies qalbiena, tibżgħux tgħidu l-verita' u komplu l-ġieħ u l-unur ta' din is-Soċjeta' tal-Ljun.

Niringrazzjak nsellimlek O Soċjeta'. Int biss kont dik is-Soċjeta li ħabrikt biex il-parroċċa tal-Katidral ɒaqgħet mixja 'il quddiem. Int biss kont dik is-Soċjeta' li permezz tiegħek l-istatwa artistika, majestuża u devota ta' Santa Marija tinsab f'dak it-tempju ddedikat lilha, f'dik id-dar li jixirqilha - il-Katidral. Nista' ngħid bla tlaqliq ta' xejn li qabel ma telgħet l-istatwa ta' Santa Marija fil-Katidral, din il-knisja ewlenija kienet kull ma tmur riesqa lejn il-mewta naturali tagħha bħala parroċċa. U liema xorti kellha tara dil-gżira Għawdxija, meta mitt sena ilu laqgħet għandha l-istatwa ta' Santa Marija. O Madonna, hemmhekk ridniek, hemm lilek dejjem xtaqna, fit-tempju tiegħek l-ogħla maqdes tagħna. U fil-15 ta' Awissu ta' kull sena, Santa Marija tfeġġ fil-bieb. Kulħadd isellimlek u jissaħħar wara ġmielek saħansitra anke il-għolja ta' Gelmus issellmlek bis-salut tal-murtali mal-ħruġ tiegħek. Nitolbok Santa Marija, kompli bierek lis-Soċjeta' 'Leone' għax kull ma għamlet kien kollu għalik. U nerġa' ndur fuq is-Soċjeta' 'Leone' filwaqt li nerġa' ntenni dawn il-kelmiet ***"INT BISS, INT BISS KONT, LI BIT-THABRIK TIEGHEK SANTA MARIJA LLUM TINSAB ĠEWWA IL-KATIDRAL".***

## Referenzi

[1] Fuljett maħruġ mis-Soċjeta' Filarmonika Leone fl-1933.
[2] Ara Joe Bezzina - 'Il-Banda ta' Dirjanu l-ewwel banda Għawdxija' (Programm ta' Santa Marija 1988)
[3] Fuljett maħruġ mis-Soċieta' Filarmonika Leone fl-1933 u l-gazzetta l-Berqa datata 19/7/1933.
[4] Ara Grazio A. Grech - 'Grajja tas-Soċjeta Filarmonika Leone Għawdex' Vol 1. Pg.9.
[5] Att, Nutar Carmelo Gauċi datat 6/2/1881.
[6] Achille kien iben Dirjanu Lanzon.
[7] Atti Nutar A. Calleja Pace datat 27/5/1880.
[8] Id-dati li hemm wara kull President jipprezentaw id-dati tat-twelid u l-mewt ta' kull wieħed minnhom.
[9] Dan it-tempju huwa il-veru Matriċi. Meta semmejt dan it-tempju qiegħed nirreferi għal Katidral ta' Għawdex.
[10] Meta dan l-istoriku semma "biddlu l-maqdes li semmejna naħa oħra" dan qiegħed jirreferi għat-twaqqif tal-Knisja Kolleġġjata Insinji ta' Għawdex illum Katidral.
[11] Aguis de Soldanis fil-ktieb tiegħu "Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu".
[12] Gio Frangisk Abela fil-ktieb tiegħu "Della Descrittione di Malta" li ġie ppubblikat fl-1647, f'Libro Terzo, Notiva IV, pg. 385.
[13] Rikors mibgħut fis-27/5/1895 lill-Isqof ta 'Għawdex, Mons.G.M. Camilleri mis-Soċjeta' Filarmonika 'Leone'.
[14] L-istess Rikors li semmejna hawn fuq.
[15] Id-Devot ta' Marija - Ġunju 1986.
[16] Lis-Sur Pawlu Pisani, aktar tard insibuh President tal-banda tal-Ljun.
[17] Id-Devot ta' Marija - Settembru 1913.
[18] Il-vara ta' San Mikiel hija xogħol l-iskultur Xandru Farruġia taż-Żejtun saret fl-1838.
[19] Ara Anton Gauci fil-ktieb tiegħu "Ħwejjeġ li Rajna", Vol 1, Pg. 46.
[20] Il-vara ta' Ġesu' Marija hija xogħol l-artist Malti Sigismondu Dimech fis-sena 1810.
[21] Ara Anton Gauci fl-ktieb tiegħu "Ħwejjeġ li Rajna" Vol 1, Pg. 46.
[22] Ara Rikors mibgħut mill-Banda 'Leone' fl-20/4/1956 lill-Isqof ta' Għawdex, Mons G. Pace u ġie approvat mill-istess Isqof fis-27/4/1956.
[23] Ara Ċirkulari Nru:116, datata 30/12/57 ta' l-Isqof Ġużeppi Pace.
[24] Ktejjeb Programm Santa Marija 1981, pg. 20
[25] Barra minn hekk nixtieq insellem li dawk kollha li bil-pinna tagħhom kitbu l-istorja tas-Soċjeta' Leone speċjalment lis-Sur Grazio A. Grech li bl-akbar dedikazzjoni kiteb l-istorja ta' din is-soċjeta. L-artikli ta' dan il-kittieb kienu ta' għajnuna kbira sabiex b'mod aħjar jiena stajt nikteb fuq dan is-suġġett.
[26] Programm Festi ta' San Ġorġ - Lulju 1996 Nru.22 "Il-Banda Ċittadina La Stella ta' Għawdex" pg.3

Referenzi oħra:
Grazio A. Grech fil-ktieb tiegħu "Ġrajjiet il-Banda 'Il-Leone' ta' Għawdex"
Grazio A. Grech fil-ktieb tiegħu "Ġrajja tas-Soċjeta' Filarmonika Leone Għawdex"
Il-ktieb "Teatru Aurora 9/10/76" maħruġ mis-Soċjeta' Leone biex tiċċelebra il-festi tal-ftuħ uffiċjali tal-Każin il-ġdid u tat-Teatru Aurora"

Ritratti meħudin minn Amabile Vella - Ritratt juri il-każin tal-Banda Leone fl-1901.
Ritratt juri id-dehra tal-Katidral.
Ritratt ta' San Mikiel Arkanġlu.

Ir-Ritratti l-oħra huma bil-korteżija tal-kumitat tas-Soċjeta' Leone.